**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spt. Elliot Magro)**

**Vs**

**FRANCESCO FENECH**

**Illum is-7 ta' Lulju 2022**

**Kaz Nru 184-37**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Francesco Fenech** bin Nazzareno u Mananni xebba Cassar imwieled Zejtun nhar l-1 ta' Awwissu, 1946 residenti gewwa Sydney, Triq ta' Rumi, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 647846M, akkuzat talli;

1. Nhar il-11 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 09:49hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi ta' Marsaskala u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-

regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tatha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) (a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1) (i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz odjern jikkoncernaw rapport li l-pulizija rceviet fil-11 ta' Marzu 2021 in konnessjoni ma insib illegali fil-limiti ta' Marsascala fil-koordinati 35.854216,14.559642. Hekk kif il-pulizija wasslu fuq il-post indikat innotaw zewg imnasab b'wiehed minnhom armat gewwa kanal hdejn vaska ta' l-ilma. Minn kamra vicin l-imnasab hareg il-qua imputat, Francesco Fenech. Fenech gie mghoti d-drittijiet legali tieghu inkluz dak tal-assistenza legali li huwa rrifjuta u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Meta mitkellem mill-pulizija huwa kkonferma li ghandu licenzja generali madanakollu kkonferma ukoll li kien konsapevoli li l-istagun kien maghluq u li x-xbieki kienu tieghu. Rapprezentant tal-Wild Birds Regulations Unit (WBRU) ikkonferma li l-qua imputat kellu licenzja generali ghall-kacca tal-ghasafar fuq l-art u ghall-insib. Madanakollu kkonferma ukoll li fl-istess perjodu l-istagun ghall-insib kien maghluq. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-koordinati hawn fuq imsemmija jirrefuru ghall-mansab li fil-passat kien irregistrat fuq il-qua imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni gew sodisfacentament ippruvati u dan fid-dawl ta' dak li sabu l-pulizija fl-ispezzjoni taghhom li jindika li l-imputat kien attivament qed jonsob u anke fid-dawl ta' dak li ddikjara l-qua imputat stress mal-pulizija.

Illi galadarba ma giet prodotta l-ebda prova in konnessjoni mal-kundizzjoni tal-licenzja li tghajjat lill-qua imputat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjesta mil-ligi.

Lanqas ma jirrizulta ppruvat li l-qua imputat uzu lixki ta' ghasafar protetti ai fini ta' insib. Konsegwentament l-imputat ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni ukoll.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat jinghad li din ma gietx ippruvata galadarba l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-imputat kien persuna illenzjat ghall-insib tal-malvizz u l-pluviera.

Fir-rigward tal-piena, din l-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjoni li taghhom l-imputat ser jinsab hati, il-kooperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-fedina penali tal-imputat u d-dittami tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, **qed issib lill-qua imputat Francesco Fenech mhux hati tat-tieni; ir-raba' u l-hames imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur. 1,500) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 100 fix-xahar.** F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur